# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 25/2019JPG**

**Kawza Numru : 19**

**FE**

**vs**

**MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' FE datat 17 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fid-19 ta' April 2008 fil-Knisja ta' San Gwann tas-Salib, Ta' Xbiex (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, u cioe' M li twieldet f'X u llum ghandha X snin u L li twieldet f'Y u llum ghandha Y snin;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Anthony Grech Trapani mid-dsatax (19) ta' April 2016 (Dok B anness);*

*Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom de facto separati minn Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) kif iddikjarat fl-artikolu 37 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness, u jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimat skont il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifisha (Dok C);*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat  ir-risposta mahlufa ta' MS, datata 8 ta' Marzu 2019, a fol 25 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jiddikjara illi huwa jaqbel mal-premessi u dikjarazzjonijiet kontenuti fir-rikors tar-rikorrenti FE u jikkonferma illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jiddikjara illi huwa ma' jopponix ghat-talba ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet kif detotta fir-rikors guramentat tar-rikorrenti FE.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**FE** xehdet illi l-partijiet izzewgu fid-19 t'April 2008, u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fid-19 t'April 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li t-tnejn ghadhom minorenni, u versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata sa minn Lulju 2011, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MS** xehdet u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda moghtija mir-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom,***

***kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-19 ta' April 2008 (vide Dok A fol 4 ) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied li ghadhom minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, datat 19 ta' April 2016 (vide Dok.B fol 5 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**